KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

24 ta' Gunju 2013

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tad-Dsatx-il Laqgha (19) tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah id-Dsatax (19)-il Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 10 ta' Gunju 2013 fil-5.00pm.**

Id-Dsatax (19)-il laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Management Letter u Risposta tal-Kunsill
10. Ingagg ta Haddiem Manwali
11. Progett ta` taht il-Forka
12. Bye Law dwar l-uzu ta` art pubblika
13. Football Tournament
14. Konkors Mr & Ms Floriana
15. Tindif u Manutenzjoni fil-latrini pubblici u Gonna
16. Evalwazzjoni tal-Offerti - BookBox
17. Gnien il-Mall
18. Asfaltar u Bankini f'Balzunetta
19. Isle of MTV
20. Business Community
21. New Years Eve
22. Bollards
23. Aggornament tal-Laqgha

Ghad-Dsatax (19)-il laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Vincent Borg, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta' safar.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mill-Vici Sindku Matthew Paris.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tmintax (18)-il laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 2.5 li ghandha taqra "Il-Kunsillier Vincent Borg"

1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 4.5 li ghandha taqra il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ...

1.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet il-korrezzjoni ta' materja nru 2.3 li ghandha taqra "...is-Sindku Nigel Holland..."

**Nota: 17:10 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

1.5 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.6 Il-minuti tal-Laqgha Straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet il-korrezzjoni tal-minuti fejn ghandha titnizzel bhala skuzatat mill-attendenza tal-laqgha straordinarja.

**Nota: 17:13 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

1.8 Il-minuti msemmija f'1.6 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.7 (18) fejn saqsiet kienx hemm xi progress rigward il-kwistjoni ts-Sur Justin Attard. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu kien ha parir legali minghand l-Avukat tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika jekk intbaghtitx l-ittra ufficjali.

2.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.8 (18) u saqsiet jekk sarx it-testing tas-sample area. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li ghadhom ma sarux u kien qed jistenna risposta minghand il-Perit u minghand Hall Mann.

2.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.11 (18) u saqsiet jekk kienx hemm xi zviluppi. Il-Vici Sindku Matthew Paris kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv wiegbu li kien ghad m'hemm l-ebda zviluppi rigward din il-materja.

2.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-materja nru 2.3 (18) u nforma lill-Kunsill li kienet intalbet meeting ma' Carina Dimech u mar-residenti liema laqgha kienet ser tinzamm fil-21 ta' Gunju 2013. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jikkonferma d-data u l-hin tal-laqgha.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.9 (18) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li din il-materja tinsab fuq l-agenda u ghalhekk ghandha tigi diskussa f'waqtha.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.5.1 (18) u nforma li hu kien tkellem mar-resident li ghamel talba ghal rampa u nforma li kien irrefera l-materja lill-ministeru peress li l-embelishment taqa' taht l-istess ministeru u minhabba li l-area ma taqax taht il-gurisdizzjoni tal-Kunsill.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.17.2 (18) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li s-Sur Steve Vaughan kien ghazel li jfittex post alternattiv.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.2 (18) u saqsa jekk il-Kunsill kienx ircieva xi haga. Il-Vici Sindku saqsa lill-Kunsillier Edward Torpiano jekk kienx informa lill-MEPA. Il-Kunsillier Torpiano wiegeb li kien ghadu ma nformax lill-MEPA izda kellu jaghmel dan fil-jiem li gejjin. Il-Vici Sindku Matthew Paris talab ukoll li ghandha tingibed l-attenzjoni ghall-ammont ta' injam li qed jithalla barra fit-triq minn xi stabbilimenti.

2.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 12.2 (18) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu kien ivverifika ma' kunsill iehor partikolari fejn gie nformat li l-attendants tal-latrini go gnien pubbliku kienu impjegati tal-Cleansing Department u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mal-Cleansing Department.

2.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 17.3 (18) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghalkemm l-expression of interest kienet harget, din kienet giet imwaqqfa mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali minhabba li skont l-istess dipartiment, mhux ser tkun regolata mill-ligi.

2.10.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu jhoss li jkun tajjeb u ghaqli li tinhareg sejha ghall-offerti u tinghata data ta' skadenza fejn il-Kunsill ikun jista' jevalwa x'offerti u proposti jsiru.

2.10.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jhoss li hi iktar importanti li x-xoghol jinhareg b'offerta' minflok ikun b'direct order.

2.10.3 Il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha ghall-offerti li tiskadi fl-ahhar ta' Gunju fejn tigi nkorporata c-Celebrazzjoni Nazzjonali f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena, Christmas Village u xi ideat ohra li l-offerent ikun jixtieq jinkorpora.

2.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 23.3 (18). Il-Vici Sindku Matthew Paris ssuggerixxa li din tigi diskussa f'materja nru 18 fuq l-agenda.

2.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 25.1 (18) rigward l-imhazen tal-Karnival u qal li kellu informazzjoni li din ma kinietx ser issir.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li s-Sindku Nigel Holland ma kien hallilu l-ebda komunikazzjonijiet partikolari ghal din il-laqgha.

3.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq korrispondenza minghand Robert Busuttil fejn talab li

ssir un/loading bay quddiem il-hanut tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformah li hu m'ghandu l-ebda oggezzjoni izda jissuggerixxi li din il-materja tigi riferita lill-entita' kkoncernata, ie. Transport Malta.

3.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq talba minghand resident fejn talab li ssir rampa quddiem id-dar tieghu.

3.3.1 Il-Vici Sindku zied jghid li jekk il-Kunsill japprova din it-talba kien ser ikun hemm bzonn li jirranga l-ispazji ta' parkegg kollha tat-triq.

3.3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jekk ir-rampa ssir fejn suggeriet kien ser jinholoq ukoll periklu minhabba li r-resident kien ser ikollu johrog minn bejn zewg karozzi.

3.3.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li r-rampa ssir fit tarf tal-bankina u li ssir xibka mal-isprall ezistenti sabiex ma jkunx hemm diffikultajiet meta jghaddi. Il-Kunsill qabel.

3.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq korrispondenza mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn offrew li l-Kunsill jissieheb mal-ANSEK bhala membru korporattiv fejn jinghata sussidju ghall-korsijiet ghall-istaff tal-Kunsill, il-kunsilliera, ecc. fost affarijiet ohra. Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' din l-offerta' u jissieheb mal-ANSEK.

3.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq korrispondenza minghand il-kuntrattur Wilson Mifsud li ta spjegazzjoni u oggezzjona ghall-wahda mid-default notices mahruga lilu mill-Kunsill. Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li ghalissa ghandha terga' ssir ix-xibka sakemm il-Kunsill ikun jista' jikkonferma mas-Sindku Nigel Holland x'kien gie diskuss fil-laqgha li nzammet bejnu u bejn il-kuntrattur u jekk kienx hemm gustifikazzjoni. Ghalhekk il-Kunsill qabel li m'ghandux iwaqqa' d-default notice ghalissa u li din il-materja ghandha terga' titqajjem fil-laqgha li jmiss.

3.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq korrispondenza minghand il-kuntrattur Karl De Flavia fejn informa lill-Kunsill li kien ser ikompli s-servizz ta' gbir ta' skart goff b'vettura gdida bin-numru EAN 984. Il-Kunsill qabel li ghandu jitolbu jipprovdi d-dokumenti necessarji u f'kaz li jigi pprovdut kollox, ghandu japprova t-talba tal-kuntrattur.

3.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq korrispondenza minghand il-kuntrattur Karl De Flavia fejn oggezzjona ghall-multa imposta lilu mill-Kunsill fix-xoghol li sar fuq il-latrini tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

3.7.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi mas-suggeriment tal-Perita rigward l-ewwel punt tal-variation.

3.7.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill jimmulta lill-kuntrattur tal-perjodu mis-7 t'April sa meta tlesta x-xoghol izda l-Kunsill ma qabilx u qabel li ghandu jiehu parir minghand l-Avukat tal-Kunsill qabel jipprocedi.

3.7.3 Rigward il-problema tal-pressa baxxa tal-ilma fil-gabbana, il-Kunsill qabel li ghandu jinformah sal-ghada li ser tittiehed azzjoni rigward din il-problema.

3.7.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris wera disprezz ghat-ton tal-ittra u qal li l-ebda kuntrattur m'ghandu jaghti dati ta' skadenzi lill-Kunsill.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet lis-Sindku.

4.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano saqsa jekk is-Sur Heathcliff Balzan kienx gie kkonfermat bhala membru tas-sottokumitat tal-Relazzjonijiet Lokali u Internazzjonali. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li l-Kunsill ghandu jivverifika jekk is-Sur Balzan kienx diga gie approvat bhala membru tas-sottokumitat. F'kaz li le, il-Kunsill qabel li ghandu jistieden xorta wahda lis-Sur Balzan u li ghandu jikkonfermah bhala membru fil-laqgha li jmiss.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq rapport mis-Sottokumitat tal-ambjent u l-indafa fejn gew proposti diversi ideat.

5.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jinforma lis-sottokumitat meta jkunu ser isiru xi laqghat u dan biex ikun hemm koordinazzjoni bejn il-Kunsill u s-sottokumitat u biex ma jsirux laqghat doppji mal-istess entita'. Il-Vici Sindku heggeg ukoll biex is-sottokumitat jinforma lill-Kunsill bil-laqghat li jkun qed jitlob u dan anke biex ix-xoghol ma jsirx doppju.

5.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris kompla billi awgura lis-sottokumitat tax-xoghol siewi li qed jaghmel.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti minn ufficjali tal-Kunsill.

6.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li fil-laqgha li jmiss ser ikun qed iressaq rapport tal-Floriana Business Committee.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **82/05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li ser ikun qed jirrifondi l-hlas approvat mill-Kunsill ghall-mara tieghu fl-ikla li kienet inzammet f'Ghawdex.

7.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris zied jghid li fir-rigward ta' materja nru 7.2 hu qal li l-kunsillieri kienu mpoggijin skont il-partit politiku u qal li dan ma kienx gust minhabba li l-kunsillieri f'din il-laqgha ma kienux qed jirraprezentaw il-partit politiku taghhom izda lil-lokalita' li fiha gew eletti.

7.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu qed jastjeni mill-pagamenti nru 52, 53, 54, 55, 128 u 22, 23.

7.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li stationary jibdew jinxtraw minn hwienet differenti madwar il-Floriana u mhux dejjem minghand l-istess negozju. Il-Kunsill qabel.

7.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-pagament nru 42 u saqsa jekk il-lift kienx qed jahdem. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-lift rega' ma kienx qed jahdem izda nforma li dan il-kont kien imur lura ghall-Jannar meta kienu saru xi tiswijiet.

**Nota: 18:07 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

7.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li fl-iskeda li jmiss, ikunu inkluzi xi hlasijiet tal-Floriana Nursery minhabba li kien hemm pagamenti li kienu ilhom dovuti hafna.

7.8 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11317 sa 11438, u Gardmed 169 sa 170 bir-rizultat:

Favur: 3 (DSH, VB, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.9 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Vici Sindku Matthew Paris, mis-Segretarju Ezekuttiv u minn zewg kunsillieri.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li l-mozzjonijiet m'hemmx ghalfejn ikunu ssekondati minn qabel ma jigu diskussi izda biss meta l-mozzjoni titressaq ghall-vot.

**Nota: 18:15 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

**19/1 –** *Qed inressaq mozzjoni sabiex niktbu s segretatju Parlamentari Galdes sabiex l area tal hdejn RSPCA issir Animal Park*.

Proponent – Davina Sammut Hili ______________________

Sekondant – Vincent Borg ______________________

Datata – 29 ta Mejju 2013

19.1.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili spjegat iz-zona proposta biex issir animal park.

19.1.2 Wara li tressqet il-mozzjoni proposta mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur il-proposta biex il-Kunsill jikteb lis-Segretarju Parlamentari u jipproponi li z-zona msemmija ssir animal park, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (DSH, VB, MP, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**19/2 –** *Billi l-kunsill qieghed fil-process sabiex jimpjega Handyman, inhoss il-bzonn li l-kunsill ikollu van sabiex il-haddiema jkunu jistghu jahdmu ahjar.*

Proponent – Vincent Borg ______________________

Sekondant – _______________________

Datata – 29 ta Mejju 2013

19.2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jhoss li hemm bzonn kbir li l-haddiema tal-IPSL ikollom vann u dan minhabba li jkollhom xi xogholijiet fuq barra fejn ikollhom bzonn igorru ammont kbir ta' xkejjer u affarijiet ohra li jkollhom jittiehdu bil-mixi jew bil-karru. Il-Kunsillier Borg zied jghid ukoll li issa li l-Kunsill jinsab fi stadju li jimpjega handyperson fulltime li jkollu l-licenzja tas-sewqan, ix-xiri jew kiri ta' vettura ser tkun iktar ta' priorita'.

19.2.2 Il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jitlob kwotazzjonijiet ta' xiri jew leasing ta' karozza qabel ma jiehu vot fuq din il-mozzjoni, u dan sabiex il-Kunsill ikollu idea ta' kemm ser tigi tiswih din il-vettura.

---

**19/3 –** *Wara talba min resident nixtieq nissuggerixxi illi fejn hemm il-Madonna quddiem Blokk 8 Housing Estate jitwahhlu zewgt flood lights sabiex il-Madonna tiddawwal ghax qeghda fid-dlam. dawn jistghu issiru mal-fanali ezistenti*

Proponent – Vincent Borg ______________________

Sekondant – Davina Sammut HIli _______________________

Datata – 29 ta' Mejju 2013

19.3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hemm bzonn li jsiru zewg fanali li jharsu fuq in-nicca tal-Madonna.

19.3.2 Wara li tressqet il-mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni ta' twahhil ta' zewg fanali bil-kundizzjoni li dawn jitwahhlu b'tali mod li ma jdejjqux lir-residenti, bir-rizultat kien:

> Favur: 4 (VB, DSH, MP, ET)
> Kontra: 0
> Astensjonijiet: 0

---

**19/4 –** *Hemm bzonn aktar hamrija fil bitha tal madonna fejn hemm bicca gardina u ghalhekk nitlob il kunsill sabiex jiprovdi din il hamrija*

Proponent – Davina Sammut Hili ______________________

Sekondant – _______________________

Datata – 3 ta' Gunju 2013

19.4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili issuggeriet li l-Kunsill jipprovdi naqra hamrija fiz-zona proposta sabiex ikunu jistghu jithawwlu xi xtieli u qalet li tali zona ser ikun qed jiehu hsiebha resident li joqghod fl-akwati.

19.4.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni li l-Kunsill jottjeni ftit hamrija li titpogga fiz-zona proposta, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (DSH, VB, MP, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 9.0 Management Letter u Risposta tal-Kunsill

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-risposta tal-Kunsill ghall-ittra tal-Awditur.

9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv kompla billi spjega fuq fuq xi materji u punti li tqajjmu mill-Awditur u r-risposta li giet moghtija mill-Kunsill.

9.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano saqsa rigward punt imqajjem fl-ittra tal-Awditur rigward paga ta’ impjegat. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan il-punt gie ttrattat ukoll fl-ittra li thejjiet bhala risposta ghall-Awditur.

9.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-ittra ta’ risposta tal-Kunsill lill-Awditur, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, ET, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

9.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-attendenza tal-kunsillieri ghal-laqghat tal-Kunsill tas-sena li ghaddiet u qal li l-fatt li l-kunsillieri attendew il-laqghat kollha juri l-commitment u d-dedikazzjoni tal-kunsillieri kollha.

9.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris kompla billi heggeg li l-laqghat ikomplu jsiru f’hinijiet konvenjenti ghall-maggoranza tal-kunsillieri u dan biex kemm jista’ jkun ma jkunx hemm assenzi mill-kunsillieri.

## 10.0 Ingagg ta Haddiem Manwali

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien ircieva diversi applikazzjonijiet ghall-vakanza ta’ haddiem manwali u ghalhekk kien hemm bzonn li dawn l-applikazzjonijiet jigu evalwati sabiex ikun jista’ jigi mpjegat il-haddiem rikjest.

10.2 Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerixxa li l-ewwel l-interviews jintqassmu fuq tliet granet u li jinhatar bord tal-ghazla. Sussgtwentament, dawk shortlisted jinaghjtu ghat-tieni interview.

10.3 Il-Kunsill qabel li l-Bord ikun iffurmat mill-Vici Sindku Matthew Paris u mill-Kunsillier Vincent Borg kif ukoll mis-Segretarju Ezekuttiv bhala chairperson.

10.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li l-Kunsill jikkunsidra li jinkludi bicca xoghol waqt l-interview u dan biex il-Kunsill ikun jista' jevalwa sew l-abiltajiet tal-applikant.

## 11.0 Progett ta' taht il-Forka

11.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi qalet li kienet giet avvicinata mis-Sur Mark Mansueto fejn informaha li kien tnehha vapur miz-zona maghrufa bhala taht il-Forka, u ghalhekk tali post kien gie vakant.

11.2 Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li s-Sur Mansueto kien informaha li sid ir-ristorant li hemm fiz-zona kien interessat ihallas hu sabiex jirrinova z-zona.

11.3 Il-Kunsilliera Sammut Hili kompliet billi qalet li s-Sur Mansueto kien talab li jitwahhlu xi bollards sabiex ma jipparkjawx karozzi biex iz-zona tkun tista' tintuza min-nies bhala zona rikreattiva.

11.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem ma' sid ir-ristorant.

## 12.0 Bye Law dwar l-uzu ta` art pubblika

12.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jippostponi din il-materja ghal-laqgha li jmiss.

## 13.0 Football Tournament

13.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li jigi organizzat tournament fiz-zewg piccijiet li hemm fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V li jinqasam fuq jumejn. Qalet ukoll li r-referee ma kien ser jigi jiswa xejn minhabba li kien hemm diga zewg volontarji u ghalhekk kull ma ser jigi jiswa dan it-tournament kien jammonta biss ghax-xiri ta' midalji u tazez ghall-partecipanti u rebbieha.

13.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet ukoll li l-partecipanti jintalbu jhallsu €2 enrollment fee u l-gbir kollu jmur ghall-Puttinu Cares.

13.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill ikellem lil Justin Haber football Academy sabiex dan it-tournament jittella' konguntament mieghu.

13.4 Il-Kunsill qabel mal-principju tat-tournament u izda ma qabilx li jkellem lil Justin haber Football Academy, minhabba li din l-attivita diga ser tigi imtella konguntament ma persuna ohra.

## 14.0 Konkors Mr & Ms Floriana

14.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li fil-Floriana Fest jigi mtella' konkors ta' sbuhija.

14.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li hu kellu informazzjoni li kien hemm decizjoni li l-Florianafest ma tibqax issir minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika mal-minuti tal-laqghat passati.

14.3 Il-Kunsill ghalhekk qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss sakemm il-Kunsill jivverifika jekk il-Florianafest hux ser tittella' jew le.

## 15.0 Tindif u Manutenzjoni fil-latrini pubblici u Gonna

15.1 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-Kunsill jimpjega haddiem tal-ETC sabiex joqghod ghassa mal-latrini.

15.2 Il-Kunsill qabel li l-ewwel jistenna risposta minghand il-Cleansing Department qabel jiehu decizjoni.

15.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li kien hemm artiklu fuq it-Torca fejn xi hadd ressaq l-ilment tieghu. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li kienet ittiehdet azzjoni immedjata u sar it-tindif necessarju. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma u jwiegeb lill-persuna li gibdet l-attenzjoni ghal dan l-ilment.

## 16.0 Evalwazzjoni tal-Offerti – BookBox

16.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsillier Borg u hu kienu marru fuq l-post biex jigi deciz fejn ser titpogga l-book box.

16.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa bl-offerti li kien ircieva l-Kunsill ghat-twahhil u l-bini ta' din il-book box.

16.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jippostponi din il-materja ghal-laqgha li jmiss.

## 17.0 Gnien il-Mall

17.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

## 18.0 Asfaltar u Bankini f'Balzunetta

18.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li hu kien qed jaghmel pressjoni

mal-Awtorita' tad-Djar sabiex il-Kunsill jircievi l-flus dovuti lilu minnhom halli l-kuntrattur ikun jista' jkompli jahdem.

18.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li rcieva konferma minghand l-istess awtorita' li l-pagament kien gie approvat u ghalhekk kien wasal biex jigi processat.

18.3 Il-Vici Sindku kompla billi qal li kien qed jircievi xi ilmenti rigward drenagg minghand resident fl-akwati liema ilment kien qed jigi investigat izda ma kienx qed jigi milhuq ftehim.

18.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li minhabba li s-sitwazzjoni ma kinietx cara u ma kienx hemm htija cara (il-hsara fil-proprjeta' tar-resident inholqot meta inqalghet il-bankina), hu kien ser jipproponi li l-Kunsill jassorbi l-ispiza ta' €210 hu sabiex il-problema tissolva. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandu jassorbi l-ispiza hu.

18.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li hemm pjanca fit-triq li m'hu qed tghatti xejn partikolari izda li qed iddejjaq ir-residenti minhabba l-istorbju. Hu kompla billi qal li kien tkellem mal-kuntrattur li nformah li kien ser inehhiha dakinhar stess.

18.6 Il-Vici Sindku qal ukoll li kien informat li x-xoghol fuq il-bankini ta' Triq l-Argotti z-zghira kien ser ikompli din il-gimgha mal-mument li jitwahhal il-main il-gdid.

## 19.0 Isle of MTV

19.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li ser issir laqgha mar-residenti fil-21 ta' Gunju rigward l-Isle of MTV. Qal ukoll li qabel hemm bzonn li ssir laqgha ma' Carina Dimech mill-Malta Tourism Authority sabiex jigu diskussi xi punti importanti.

19.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris kompla billi qal li kienet inzammet laqgha mal-Onorevoli Joe Mizzi fejn fost affarijiet ohra li gew diskussi, kien gie deciz li bhas-sena li ghaddiet, il-parkegg ta' magenb Belt is-Sebh ikun riservat ghar-residenti dakinhar tal-kuncert.

19.3 Il-Vici Sindku issuggerixxa li tintbaghat cirkolari lir-residenti fejn tinformahom bil-laqgha pubblika li ser tinzamm u li ser ikun hemm parkegg riservat ghalihom f'Belt is-Sebh.

19.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriett li jekk ikollna l-informazzjoni, ninkludu wkoll il-lista ta' toroq li ser ikunu maghluqin dakinhar tal-kuncert.

## 20.0 Business Community

20.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li saret laqgha tal-Floriana Business Community nhar it-28 ta' Mejju fejn fiha kienu prezenti numru sostanzjali ta' negozjanti furjanizi.

20.2 Il-Vici Sindku kompla billi qal li kienet ser tigi preparata ittra, bin-nomination form kif ukoll ser jinholooq ad hoc committee.

## 21.0 New Years Eve

21.1 Il-Kunsill qabel li ghanhdu johrog sejha ghall-offerti kif diskuss iktar kmieni matul il-laqgha.

## 22.0 Bollards

22.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-Kunsill kien gabar xi kwotazzjonijiet fejn irrizulta li jkun iktar konvenjenti jekk il-Kunsill jordna bicciet differenti li jigu jiswew €15 il-bollard u li jigu wweldjati mill-haddiema tal-Kunsill stess.

22.2 Il-Vici Sindku ssuggerixxa li jitwahhlu l-bollards fi Triq il-Miratur kollha stante li l-ispiza mhux ser tigi tammonta ghal hafna. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

22.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob kwotazzjoni ghall-xiri ta' bollards ghal Triq il-Konservatorju.

## 23.0 Aġġornament tal-laqgħa

23.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 3 ta' Lulju 2013 fit-3.00pm.

Il-laqgha ntemmet fit-7.45pm.

Matthew Paris
Vici Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv